KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2020

11 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

### ASSENTI:

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

12.1.1 Ma kinx hemm

**12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

12.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 11 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

12.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Chris Bruno il-minuti ġew approvati unanimament

**12.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

12.3.A Is-Sindku informa l-Kunsill illi x-xogħolijiet fis-siti l-ġodda li ser ikunu qed jintużaw bħala berġa u librerija separatament miexi ġmielu fejn il-berġa miexi b'ritmu aktar mgħaġġel mill-librerijja fil-verita' ħabba raġunijiet varji. Is-Sur Aquilina spjega x'inhu għaddej kif ukoll saħaq illi ser ikun hemm perjodu illi fil-lokal la ser ikun hemm berġa u lanqas librerija pubblika dan sa ma jitlesta x-xogħol u jinfetħu bibien ġodda għar-residenti tal-Kalkara speċjalment minħabba l-fatt illi l-kuntratt li kien hemm fuq is-sit l-antik ser ikun qed jiskadi proprju l-għada ta' din is-seduta. Is-Sur Aquilina qal illi apparti li s-siti ġodda huma ferm isbaħ, il-kunsill ser ikun wettaq xewqa li ilha fil-kunsill minn leġislatura preċedenti kif ukoll ser jitneħħa piż finanzjarju kbir ta' kull xahar minn fuq l-istess kunsill.

Is-Sur Chris Bruno filwaqt li qabel mas-Sindku fuq il-punt finanzjarju talab lis-Seg Eżek iġġib rendikont bħala referenza ta' sena sħiħa fejn ikun jinkludi kera u spejjeż tal-istess sit li l-kunsill kien qed jikri.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi wara laqgħat li kellu mall-kumpanija 'greenpak' ġie deċiż illi ser titweħħel camera ġo Triq Marina fuq l-ibins u l-iskips li hemm fiż-żona bla ħlas ta' xejn għaliex kollox ser isir minn naħa ta' din l-istess kumpanija fiż-żmien li ġej biex b'hekk jitnaqqsu l-abbużi ta' skart mormi llegali madwar dawn l-istess skips.

La darba ssemmew ic-CCTV cameras fil-lokal is-Sur Aquilina żied jgħid illi tajjeb li issa l-kunsill jaħseb f'postijiet alternattivi fejn wieħed jista' jweħħel il-cameras li hemm fiż-żona tal-bajja ta' Rinella hekk kif diġa' kien ġie diskuss mill-istess kunsill

f'seduti preċedenti la darba spiċċa s-sajf minħabba l-fatt illi issa l-bajja tkun ffrekwentata ħafna inqas minn nies u dawn il-cameras jista' jkollom użu f'partijiet oħra fil-lokal.

Is-Sur Vince Bongailas issuġġerixxa li camera minnhom għandha titweħħel fejn il-clothes bin fit-tela' ta' Triq Marina minħabba r-rebus li qed ikun hemm madwara.

Is-Sur Bruno ssuġġerixxa li camera minnhom għandha tiġi mweħħla fi Triq it-Turretta minħabba l-fatt illi hemm ċint partikolari li qed jintrema ħafna skart warajh kif ukoll qed jittieħdu ġebel minnhu stess fejn fil-preżent dan jidher ikrah bħal xi ħaġa żarmata sfortunatament. Huwa qal ukoll illi f'din iż-żona hemm ukoll skips fejn wieħed forsi jista' jpoġġi l-camera f'post ideali biex jinqabad l-iskart illegali kif ukoll dan iċ-ċint imsemmi minn naħa tiegħu stess.

C Is-Sindku informa l-kunsill dwar il-fatt illi għal din is-sena minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurta' visavi l-pandemija tal-Covid 19 Jum il-Kalkara ser ikun qed jiġi ridott b'inviti stretti ħabba raġunijiet ovji. Huwa qal illi kunsilli ta' lokalitajiet oħra, saħansitra għażlu li ma jagħmlu xejn pero' fil-fehma tiegħu Ġieħ il-Kalkara għandu jingħata bħal kull sena. Żied jgħid illi ser ikun qed jikkordina l-possibilta mal-gwardjan tal-kunvent tal-Kapuċċini biex issir quddies komemmorattiva fil-knisja tagħhom u wara isir diskors li anka ser ikun qed jixxandar live fuq il-midja soċjali biex dak li jkun saħħa ma jistax ikun preżenti jkun jista' jsegwi online din is-serata. Il-kunsill ġie nfurmat ukoll illi ser ikunu qed jinfetħu l-applikazzjoni bħas-soltu għal nominazzjonijiet għal Ġieh il- Kalkara 2020.

Is-Sinjura Speranza Chircop qalet illi hi ser tkun qed tikkordina żjarat fid-djar lill-anzjani li huma irrikoverati id-dar bħal kull sena bi tqassim ta' xi ħaġa żgħira bħal frott f'din l-okkażżjoni

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hija kienet diġa' qed tirranġa l-affarijiet tagħha bħal kull sena matul dan il-jum tant speċjali għal Kalkariżi fejn spjegat li ser issir quddiesa għat-tfal tal-iskola online kif ukoll diġa' kienet kellmet lis-Sur Duncan Brincat biex jagħti preżentazzjoni lit-tfal ta' interess informazzjoni online fuq il-Kalkara.
Hija żiedet tgħid li ukoll qed tieħu ħsieb li tħit banter aħdar bħala tiżjin waqt din il-preżentazzjoni kif ukoll il-quddies. Is-Sinjura Sultana talbet jekk hux possibli lit-tfal jiġu mgħotija xi ħaġa żgħira mill-kunsill bħala tifkira f'Jum il-Kalkara 2020.

D 1 Is-Sur Sindku informa l-kunsill dwar ix-xogħolijiet ta' asphalt li għaddejjin matul dan ix-xahar fil-lokal speċjalment f'dak li hemm fiż-żona ta' Santu Rokku. Huwa spjega illi Santu Rokku għandha tkun lesta minn kull xogħol matul il-jiem li ġejjin u ser tkun qed tinbeda Triq Joseph Calleja biex imbagħad wara tingħalaq Triq Missjoni Taljana. Huwa qal illi intervjena huwa stess biex Triq Joseph Calleja tibqa'

aċċessibli għat-traffiku minn lane waħda b'uffiċjali tas-sigurta fuq il-post dan biex inaqqsu l-inkonvenjent lin-nies speċjalment dawk li jaħdmu jew ikunu sejrin lejn id-direzzjoni ta' smart city.

Is-Sindku nforma l-kunsill illi mill-ġimgħa ta' wara din is-seduta ser tkun qed tinbeda Triq is-Sienja dan wara li l-kappuċċini tingħalaq u titlesta minn kwalunkwe xogħol. Is-Sinjura Sultana qalet illi l-biċċa d-dejqa ta' Triq is-Sienja wieħed għandu jissuġġerixxi li jsiru culverts minħabba l-fatt illi din il-biċċa ilha minn dejjem tgħereq fil-maltemp kif ukoll wieħed għandu jenfasizza u jirraporta illi ħafna karozzi jitilgħu 'wrong side' minn din il-parti minn naħa ta' Triq Rnella u qed ikunu ta' periklu mhux ftit. Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi anke ż-'zebra crossings' f'din iż-żona m'humiex qegħedin tajbin il-għaliex qegħedin eżatt fil-liwja fil-viċinanzi tal-iskola u dak li jkun ikun qiegħed iktar f'periklu huwa u jaqsam minn fuqhom.

Is-Sur Vince Bongailas qal illi tajjeb li wieħed jieħu ħsieb it-turġien tan-nies li joqgħodu fil-parti d-dejqa tas-Sienja minħabba illi din il-parti tat-triq tiġma ħafna ilma hekk kif qalet tajjeb is-Sinjura Sultana aktar qabel.

E1 Is-Sur Sindku informa l-kunsill illi finalment is-'sea bin' ġewwa x-Xatt kien qiegħed jaħdem perfettament kif ukoll ikkonferma illi qiegħed jitnaddaf darbtejn fil-ġimgħa minn naħa tal-cleansing department.

E2 Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi ser ikun qiegħed jerġa' jitweħħel it-tiżjin tal-Milied mal-Mina tal-Kalkara kif ukoll mal-palmi li hemm eżatt fid-daħla bħas-sena l-oħra dan il-għaliex it-tiżjin huwa propjeta' tal-kunsill.

F1 Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin is-Seg Eżek ser tkun qed tapplika għal skema biex jinġiebu fondi biex jittranġa' imqar it-tapit tal-bandli fejn skond kwotazzjonijiet li diġa' għandha f'idejha jitilgħu mat-12-il elf kif ukoll isir manutenzzjoni fiż-żona / pjazetta msejħa l-bebbuxu li tinsab fl-inħawi ta' Triq Marina / Triq Luigi Pisani.

F2a Is-Sindku talab lill-kunsill japprova r-rapport finanzjarju li jkopri s-sena 2020 sa Settembru bħal dejjem.

Il-kunsill approva unanimament dan id-dokument imħejji mill-accounts tal-kunsill.

F3 Is-Sindku informa l-kunsill il-performance bonus li ser ikun qed jiġi mgħoddi minn naħa tas-Seg Eżek lil dawk il-ħaddiema ta' manutenzjoni li mislufin lill-kunsill minn skemi oħra hekk skond kif jisthoqqilom dan wara li anke hu stess laqqaħom u kellimhom personali fejn kien jidher ċar illi min kien ħaqqu punti aktar minn ħaddieħor.

F4 Is-Sindku ppreżenta l-kunsill rapport imħejji minn Reġjun Xlokk fejn jispega ċar x'sar matul is-sena 2020 fil-lokalitajiet rispettivi membri f'dan ir-reġjun bis-saħħa tal-ħaddiema tagħhom stess li anke jiġu mislufa lill-kunsilli għal benefiċċji tagħhom bla ħlas ta' xejn fosthom il-Kalkara fejn 3 minn dawn il-ħaddiema mibgħuta lilna mir-Reġjun qiegħedin jagħmlu dak kollhu possibli biex jitrasformaw is-sit il-ġdid tal-kunsill li ser ikun qed jintuża bħala librerija lokali fil-preżent.
Is-Sindku rringrazzja formalment lill-President tar-Reġjun li dejjem kien ta' support għal Kunsill Lokali Kalkara.

F5 Is-Sindku nforma l-kunsill hemm bżonn issib data biex issir il-laqgħa pubblika hekk kif tgħid il-liġi anke wara li s-Seg Eżek iċċekjat mad-dipartiment jekk tistax tiġi posposta minħabba l-pandemija tal-Covid 19 speċjalment minħabba n-nies li forsi jiġu għal din il-laqgħa. Id-dipartiment tal-kunsilli kkonferma li din il-laqgħa għanda ssir xorta waħda.

Il-kunsill qabel unanimament li din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 fis-6 ta' filgħaxija fl-uffiċini amministrattivi tal-kunsill. Is-Seg Eżek ser tkun qed tħejji l-loġistika għal din il-laqgħa fosthom ir-reklamar biex wieħed ikun infurmat b'din il-laqgħa stess la darba jkun interessat li jattendi.

F6 Is-Sur Sindku talab lill-kunsill jikkonferma illi ħadd m'għandu health insurance privata biex b'hekk il-kunsill ma jħallasx doppju fuq l-istess tip ta' polza. Talab ukoll lis-Seg tiċċekja mall-ħaddiema kollha biex qabel ma din issir u titħallas minn naħa tal-kunsill ma jkunx hemm ħlasijiet doppji għax ma tagħmilx sens.

**12.4**.a Is-Sur Aquilina kkonferma li s-Seg Eżek kienet bagħtet draft lil TM għar-revizjoni u għajnuna minn naħa tagħhom rigward il-bye law tax-xewkija, sa din il-ġurnata kien għad ma kien hemm l-ebda tip ta' feedback minn naħa tagħhom biex jingħata formalment waqt din is-seduta pero' l-kunsill ser jibqa' jiġi infurmat bil-korrespondenza kollha hekk kif diġa' ġie mwiegħed f'seduti preċedenti.

**12.4b** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar korrespondenza li rċieva l-kunsill dwar dan il-punt fejn għandha konferma illi l-'yellow line' li hemm impinġi u li ilu hemm snin fiż-żona ta' Triq il-Barklor qiegħed hemm bla permessi.

Il-kunsill iddeċieda li dan il-line għandu jitneħħa u b'hekk jinħolqu parkeġġi la darba l-garages ta' faċċata ma jkollom l-ebda problema biex joħorġu jew jidħlu u la darba t-triq wiesa biżejjed u tippermetti li ssir dan.

**12.4c** Is-Sur Aquilina kkonferma lill-kunsill speċjalment is-Sur Bongailas peress li kien hu li qajjem dan il-punt illi t-taraġ li jagħmel parti minn proġett ħolistiku u

maġġuri fil-lokal li jaqa' taħt ir-responsabbilta' ta' MCST għandu jitlesta' u jinfetaħ fix-xhur tal-bidu tas-sena 2021.

**12.4** d Is-sindku nforma l-kunsill illi l-kwistjoni ta' min iħallas il-qlugħ u t-tweħħil ta' dawl minn mal-faċċati meta wieħed ikun irid jagħmel xi xogħolijiet ġiet ikkonfermata mid-dipartiment fejn dan ix-xogħol ta' preparament għandu jiġu mħallsa purament mill-kunsill la darba jkun hemm konferma mingħand is-sid illi kif jitlesta x-xogħol dan id-dawl ser jerġa' jitweħħel mal-istess faċċata. Din il-konferma hija l-bażi biex il-kunsill jgħarraf jirregoralizza ruħu fuq din il-kwistjoni.

**12.4** e Is-Sur Aquilina informa l-kunsill dwar l-istudju li ser ikun qed jinbeda visavi l-proġett 'slow streets' fil-jiem li ġejjin fil-lokal tal-Kalkara minn nies tekniċi u kompetenti biex b'hekk il-kunsill ikollu bażi fuq xiex jista' jiddiskuti u jissuġerixxi postijiet adekwati hekk kif diġa' ġie diskuss f'seduti preċedenti.

**12.5 a1** Is-Sur Bongailas talab permess formali mis-Sindku biex ikun jista' jagħmel laqgħa formali mal-lands authority rigward il-boundary wall ta' ma' Villa Portelli dan wara ħafna lmenti li qed jirċievi personali minn nies li joqgħodu fil-viċinanzi minħabba dan il-ħajt li qiegħed jiddeterjora ruħu bil-konsegwenza li qed jaqgħu l-ġebel fuq il-karozzi sfortunatament. Is-Sur Bongailas qal illi s-Seg Eżek diġa' kienet bagħtet email formali pero' sal-ġurnata tal-lum ma kellha ebda risposta fuq din il-kwistjoni. Is-Sindku qallu li jaqbel ma' dan il-meeting u j'alla jsir illum qabel għada filwaqt li apprezza l-fatt illi ġab din il-kwistjoni quddiem il-kunsill sħiħ. Is-Sinjura Sultana talbet il-Vince la darba ser jiġi skedat dan il-meeting jissemma wkoll iċ-ċint tal-madwar iż-żona tal-Married Quarters hekk kif titla' għal bajja ta' Rinella dan anka wara li l-kunsill stess ħa ħsieb iweħħel tabelli bil-periklu ta' ġebel li qed jaqa' 'l għaliex dan iċ-ċint ukoll għandu bżonn li qiegħed jieħu ħsiebu qabel ma tiġri xi traġedja.

12.5A2 Is-Sur Bongailas talab il-kunsill speċjalment il-contracts manager biex jiċċekja l-kennies għaliex skond informazzjoni li għandu hu dan il-kennies mhux vera jkun kuljum il-Kalkara l-għaliex qed ikun Ħaż-Żabbar fil-verita'. Huwa saħaq jgħid illi jifhem li kennies wieħed impossibli jagħmel lokal sħiħ kuljum u jifhem ukoll li nies minn barra l-lokal ġieli rahhom hu stess iħammġu l-lokal tagħna pero' wieħed għandu jimmoniterja xogħol il-kennies huwiex qiegħed miexi skond l-iskeda li aħna ħejjejna mall-kuntrattur tajba jew le.

12.5 a3 Is-Sur Bongailas talab spjega jew aktar informazzjoni fuq x'inhu eżatt ir-rwol ta' contracts manager fi ħdan il-Kunsill Lokali Kalkara. Is-Seg Eżek spjegat xogħol il-contracts manager fid-dettal biex is-Sur Bongailas ikollu stampa ċara ta' x'inhu xogħolu eżatt hekk kif talab hu stess.

**12.5.a4** Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek biex tinġieb informazzjoni fuq proġett li applika l-kunsill xhur ilu rigward l-annimali tat-toroq il-għaliex s'issa ma kellna l-ebda tip ta' risposta formali

**12.5.a5** Dan il-punt diġa' ġie diskuss qabel f'din is-seduta

**12.5.b1** Dan il-punt diġa' ġie diskuss qabel f'din is-seduta

**12.5 b2** Is-Sinjura Sultana talbet is-Seg Eżek tieħu ħsieb il-boroż li tħallew Triq is-Sibi mill-kuntrattur tal-kunsill stess wara li sar xogħol fil-ħawt tal-akkwata 'l għaliex jidher ikrah u 'eyesore' fiż-żona meta dan suppost ġabar kollox la darba tlesta x-xogħol.

Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid u wriet b'ritratti ċari lill-kunsill kif il-contracts manager jibgħat ir-rapporti li t-toroq ikunu saru meta fil-verita hemm ħmieġ fl-istess triq li ilu 'l fuq minn ġimgħa dan wara li hi stess immoniterjat u nnutat illi l-istess ħmieġ baqa' hemmhekk. Is-Sindku talab lis-Sinjura Sultana illi meta jintbgħat dan ir-rapport tajjeb li twieġeb b'dawn il-kummenti u mhux tħalli ġimgħat jgħaddu biex problema tiġi solvuta fil-verita'. Is-Sinjura Sultana semmiet ukoll il-Pjazza Sagra familja fejn din il-pjazza għandha tiġi miknusa aktar ta' spiss minħabba l-ammont sostanzjali ta' siġar li hemm u li jħammġu ħafna l-akkwata.

**12.5b3** Is-Sinjura Sultana talbet lis-Sindku jerġa' jkellem lil min hu responsabbli fuq ix-xogħolijiet li qed isiru fuq taraġ San Ġużepp il-għaliex skond hi, ħaddiema m'humiex ikunu on site jaħdmu jew inkella jagħmlu siegħa u jitilqu. Fuq nota oħra semmiet il-fatt illi kif dan il-kuntrattur m'huwiex qed jagħmel permessi neċessarji bħal kulħadd mill-kunsill stess bħal per eżempju ta' trakk jew crane on site.
Is-Sinjura Sultana saħħqet illi l-kunsill għandu jieħu stand u jekk hemm bżonn imur oltre minn dak li diġa' qiegħed jagħmel iġifieri jilmenta mal-kordinatur ta' dan ix-xogħol. Is-Sindku iddispjeċih illi sa issa s-Sinjura Sultana baqgħet ittella dan il-punt kull seduta formali imma għadha qatt ma ġiet b'soluzzjoni jew proponiment ċar x'jista' jsir. Waqt din is-seduta huwa talab lis-Sinjura Sultana biex tieħu r-responsabilta' hi u tara x'inhu jiġri u tkellem hi mal-persuni responsabbli, ġaladarba bit-tweġibiet li sa issa hu kien ta lill-kunsill m'hijiex sodisfatta. Is- Sinjura Sultana rrifjutat it-task u qalet illi hu s-Sindku u għandu jieħu responsabbilta' fuq din il-kwistjoni u jmexxi b'affarijiet legali. Din id-diskussjoni baqgħet għadejja għal ammont sostanzjali ta' ħin waqt din is-seduta fejn ukoll kien hemm diżgwit bejn is-Sindku u s-Sinjura Sultana wara li hija qalet li ser tmur fil-media titkellem kontra dan ix-xogħol. Is-Sindku saħaq li mhux ser iħalli l-ebda kunsillier iħammar isem il-Kalkara u l-argument eskala b'mod li saħansitra kien hemm mument fejn is-Sinjura Sultana kienet ser titlaq mill-istess seduta. Is-Seg Eżek waqfet dan id-diżgwit biex titkompla l-laqgħa u l-punti li kien fadal fuq l-aġenda.

**12.5** c1 Is-Sinjura Speranza Chircop saħħqet illi l-kollonni mkissrin fi Triq il-Kapuċċini man-naħa tal-ġenb tal-knisja wieħed għandu jara x'jista' jagħmel speċjalment issa li t-triq saret mill-ġdid għaliex jidhru koroh immens.

**12.5** c2 Is-Sinjura Sultana (nahseb Spera kienet mhux Maria) kkonfermat illi r-rotta tat-transport pubbliku mill-isptar kienet qed topera normali dan wara li qajmet dan il-punt f'seduti preċedenti. Hija rringrazzjat il-min kien involut biex din il-materja tiġi solvuta għal benefiċċju ta' residenti Kalkariżi li jagħmlu użu minn din ir-rotta.

**12.5 c2** Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi l-ħarġiet li kellha pjanati ġew ikkanċellati minħabba saħħa u sigurta' f'dawn iż-żmienijiet sensittivi li qiegħedin ngħixu fihom fil-preżent.

**12.5 d1** Is-Sur Bruno talab il-kunsill iġib informazzjoni fuq ġonna vertikali li qed jiġu mnedija f'lokalitajiet oħra madwar Malta 'l għaliex fil-fehma tiegħu huwa sabiħ li l-Kalkara jkollha wieħed. Is-Sindku kkonferma li dak huwa proġett tal-gvern ċentrali fejn kienu qed jintgħażlu lokalitaijiet minn naħa tagħhom u m'hemm l-ebda skema fejn il-kunsill tagħna jista' japplika fil-preżent pero' ser ikun qiegħed ikellem il-Ministru minn naħa tiegħu biex fil-futur tiġi kkunsidrata l-Kalkara fost lokalitajiet oħra għal tnedija ta' ġnien vertikali fil-lokal jekk dejjem ikun possibli.

.

**12.6** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**12.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**12.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 10.20

**12.7** **Mozzjonijiet**

12.7.1 Ma kienx hemm

**12.8** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-11 ta' Novembru 2020 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ___________________________________

___________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

___________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv